MINUTI

Laqgħa tal-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ (Għawdex)

ID-DISA' LEĠISLATURA

Laqgħa Numru 34/2026-9

It-Tlieta, 25 ta' Awwissu 2026

Il-Kunsill Lokali Iż-Żebbuġ iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq il-Knisja, fit-3.30 ta' wara nofs in-nhar.

PREŻENTI:

Is-Sur Baskal Saliba – Sindku
Is-Sur Daniel Cordina – Viċi Sindku
Dr Marlene Cini – Kunsilliera
Is-Sur Mario Portelli – Kunsillier
Is-Sur Nicky Saliba – Kunsillier

ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3)):

UFFIĊĊJAL PREŻENTI:

Is-Sna Odette Camilleri - Segretarju Eżekuttiv

Minuti

Il-laqgħa nbdiet b'talba u ġiet preseduta mis-Sindku Baskal Saliba.

34.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji

34.1.1 Ma kinx hemm ittri ta' apoloġiji però is-Sindku nforma lil membri preżenti illi il-Kunsilliera Mario Portelli u Nicky Saliba kienu ser jaslu ftit tard.

34.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti

34.2.1 Billi l-minuti tal-laqgħa nru. 32/2026-9 u 33/2026-9 ġew ċirkulati minn qabel dawn ġew meqjusa bħala moqrija.

34.2.2 Is-Sindku talab għal xi korrezzjonijiet li seta' kien hemm mill-minuti.

34.2.3 Ma kinx hemm korrezzjonijiet u għalhekk il-minuti ġew approvati mill-membri.

34.3 Komunikazzjoni mis-Sindku

34.3.1 Is-Sindku irringrazzja lil għaqdiet kollha tar-raħal, lil Paroċċa, Pulizija, Transport Malta u ħaddiema tal-Kunsill għal kontribut tagħhom sabiex il-Festa tkun suċċess.

34.3.2 Is-Sindku propona u l-membri qablu illi l-Għażżiela li hemm fl-art fi Pjazza l-Assunta flok terġa teħel oħra tar-ram, u li qed tinqala' bil-vetturi, issir ta' l-irħam imdawra bit-travertine. Għandha tingħabar stima għal din.

Il-Kunsillier Nicky Saliba skuża ruħu li daħal ftit tard. Ingħaqad mal-membri fit-3.35 ta' wara nofsinhar.

34.3.3 Is-Sindku nforma lil membri li saret laqgħa informali bejn l-Avukati tal-Kunsill u tal-Projekte fejn kien hemm preżenti ukoll il-kuntrattur, is-Segretarju Eżekuttiv u hu. Kompla jgħid li qed jippruvaw isibu kompromess rigward il-ħsara li hemm fil-West End Promenade fil-Qbajjar Promenade fejn baqa' bilanċ pendenti ta' ftit aktar minn €13,000 a favur tal-Kuntrattur.

34.3.4 Is-Sindku nforma lil membri li intalbet laqgħa mas-Segretarju Permanenti rigward Triq Għajn Mhelhel. Il-laqgħa ser issir nhar is-26 ta' Awwissu fil-Ministeru Għal Għawdex. Ħeġġeġ lil membri sabiex jattendu.

Il-Kunsillier Mario Portelli skuża ruħu li wasal ftit tard. Ingħaqad mal-kamra fit-3.39 ta' wara nofsinhar.

34.3.5 F'isem il-Kunsill is-Sindku awgura l-isbaħ xewqat għal Jum it-Tieg tal-Kunsillier Mario Portelli.

34.4 Komunikazzjoni mill-Kunsilliera

34.4.1 *Komunikazzjoni mill-Viċi Sindku, Daniel Cordina*

34.4.1.1 Il-Viċi Sindku irringrazzja lil Għaqdiet kollha u lil poplu Żebbuġin għal kooperazzjoni sħiħa sabiex il-Festa tkun suċċess. Irringrazzja wkoll lil Kunsill Lokali għal kollaborazzjoni sħiħa fosthom lis-Sindku li anke rah ipoġġi it-tabelli tat-traffiku.

34.4.1.2 Il-Viċi Sindku nforma lil membri li matul il-lejl inqalgħet ġlied kbira Marsalforn. Kompla jgħid li persuna barranija qed toqod ġo appartament f'Marsalforn fejn fost l-oħrajn qiegħed ukoll jittanta nisa u tfal. Qal li fis-6.00 ta' filgħodu jkun fil-Marsalforn Front bil-flixkun tal-birra f'idejh. Talab sabiex tingħibed l-attenzjoni tal-Pulizija f'dan ir-rigward. Il-membri qablu.

34.4.1.3 Propona sabiex isiru *double yellow lines* fejn 34, Triq il-Madonna taċ-Ċiċċri biex residenti jkunu jistgħu joħorġu mill-isqaq li hemm faċċata tal-Knisja. Is-Sindku infurmah illi aħjar li kieku issir kaxxa 'Keep Clear'. Il-membri qablu u għalhekk għandu jintalab il-permess ta' Transport Malta.

34.4.1.4 Propona sabiex jitneħħew il-parkeġġi li hemm fit-tarf tan-niżla ta' Triq Għajn Mhelhel. Il-membri qablu li għandhom jintalbu l-veduti ta' Transport Malta.

34.4.1.5 Talab sabiex isir ir-*repainting* tax-Xwejni u l-Bajja tal-Qbajjar kif ukoll tinżebagħ STOP fl-art fejn Villa Fiorita. Il-membri qablu.

34.4.2 *Komunikazzjoni mill-Kunsilliera Dott. Marlene Cini*

34.4.2.1 Il-Kunsilliera Dott Marlene Cini ukoll irringrazzjat lil Għaqdiet u lil Paroċċa li ħadmu f'għaqda sabiex il-Festa lil Marija Assunta kienet suċċess.

34.4.3 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Mario Portelli*

34.4.3.1 Il-Kunsillier Mario Portelli ingħaqad ukoll ma sħabu l-Kunsilliera fejn qal li kienet Festa aqwa minn ta' qabilha u fejn kulħadd għen lil xulxin f'għaqda u armonija.

34.4.4 *Komunikazzjoni mill-Kunsillier Nicky Saliba*

34.4.4.1 Il-Kunsillier Nicky Saliba ingħaqad ma l-oħrajn fejn irringrazzja lil kull min ħadem sabiex il-Festa tkun suċċess.

34.4.4.2 Ġibed l-attenzjoni illi biċċa minn ħajt tas-sejjiegħ fi Triq l-Imgħallem ċeda u qiegħed perikoluż għas-sewwieqa. Propona li jingħabar il-ġebel mit-triq sabiex jitneħħa l-perikolu. Il-membri qablu. Il-Viċi Sindku propona illi waqt il-laqgħa li ser issir mas-Segretarju Permanenti għandha ssir pressjoni sabiex titranġa t-triq kollha. Il-membri qablu.

34.5 **Approvazzjoni Q1- Rapport ta' kull kwart tas-sena**

Ġie preżentat il-Q1- Rapport ta' kull kwart tas-sena fejn ġie nnotat li l-Kunsill qed inaqqas mid-dejn però xorta għadu b'*deficit.* Wara diskussjoni, dan ir-rapport ġie approvat mill-membri preżenti u ffirmat mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv.

34.6 **Materji Oħra**

34.6.1 Ġew preżentati żewġ stejjem għar-restawr u bdil ta' l-injam taż-żewġ kanuni u dan wara li ntalbu tlett stejjem. Il-membri qablu li dan ix-xogħol jingħata lil Paul Zammit peress li tiegħu kienet l-irħas stima għal prezz ta' €4,750.

34.6.2 Korrispondenza minn Transport Malta fejn qed jipproponu li parti minn Triq id-Duluri, minn Triq il-Mungbell sal-parkeġġ jinżebagħ *double yellow line* naħħa minnhom waqt li d-*disabled parking bay* eżistenti tiġi ixxiftjata flok il-parkeġġ tal-muturi. Il-membri qablu fil-prinċipju però ġie propost li d-*disabled parking bay* issir faċċata tar-residenta li talbet dan il-parkeġġ u mhux flok il-parkeġġ tal-muturi.

34.6.3 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat lil membri preżenti illi nħarġet skema oħra SPI.SCI.07.2026 – Finanzjament Attivitajiet Kulturali Annwali 2027 u li tagħlaq nhar l-Erbgħa, 30 ta' Settembru 2026. Fuq proposta tas-Sindku, l-membri qablu illi l-Kunsill japplika sabiex jerġgħu jsiru l-Marsalforn Funland Thursdays kull nhar ta' Ħamis f'Marsalforn kif ukoll isiru l-Iljieli Żebbuġin kull nhar ta' Ġimgħa fiż-Żebbuġ. Dawn isiru bejn Ġunju u Settembru 2027. Kien hemm qbil ukoll illi l-Kunsill jagħti l-kontribut tiegħu ta' 15% għal dawn l-attivitajiet.

34.6.4 Komunikat minn Transport Malta rigward parkeġġ riservat personalizzat ta' Edmund Vella fi Triq Għar Qawqla u Rita Saliba fi Triq Għajn Mhelhel. Il-membri nnotaw il-kontenut.

34.6.5 Komunikat minn resident sabiex jinbidlu t-tabelli ta' l-ismijiet tat-toroq f'Marsalforn peress li l-ismijiet m'għadhomx viżibbli. Il-membri qablu li jsiru ġodda.

34.6.6 Talba minn resident li joqgħod f'Ħal Sagħtrija fejn talab sabiex fejn kien hemm ic-*charging pillar* il-kaxxi tal-parkeġġ isiru diagonali sabiex jidħlu aktar karozzi. Il-membri qablu.

34.6.7 Is-Segretarju Eżekuttiv preżentat fattura tal-*performance bonus* tal-Ħaddiema tal-CWS. Il-membri qablu li dawn jiġu mħallsa ma' l-iskeda li jmiss.

34.6.8 Talba sabiex isiru tiswijiet fis-slip way tax-Xwejni. Il-membri qablu u qablu wkoll li jsiru bollards tal-ħadid sabiex jitnaqqas il-perikolu li xi karozza tispiċċa fil-baħar.

34.6.9 Komunikazzjoni mir-Reġjun għal Għawdex sabiex il-Kunsill jieħu sehem f'Tikka Tikka. Il-membri qablu li jieħu sehem fejn il-Kunsill iħallas biss it-trasport.

34.6.10 Talba sabiex tingħata isem il-Pjazza li hemm qabel Triq il-Kaċċaturi. Il-membri qablu li din tiġi msemmija Pjazzetta l-Kunċizzjoni.

34.7 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' Pagamenti

Skeda ta' ħlasijiet bin-numru 26/2026 għall-perjodu ta' Awwissu 2026 li tammonta għal €88,336.49c ġiet approvata mill-membri preżenti .

34.7 Tmiem tal-Laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

Il-laqgħa tal-Kunsill intemmet fil-4.10 ta' filgħaxija. Id-data tas-seduta li jmiss ser issir nhar il-Ħamis, 24 ta' Settembru 2026 fit-3.30 ta' wara nofsinhar.

Baskal Saliba
Sindku

Odette Camilleri
Segretarju Eżekuttiv